MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 252/1998/1

**Colin Arthur Best**

**v.**

**Domenic Department Stores (DDS) Ltd.**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

Dan l-appell jikkoncerna talba għad-danni in segwitu` għal splużjoni ta' *water heater* fil-kcina tad-dar residenzjali ta' l-appellant, liema spluzjoni qed tigi attribwita għal ħsara fl-istess *water heater,* mixtri mill-ħanut gestit mis-socjeta` appelleta.

It-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta qed jigu hawn riprodotti mis-sentenza appellata:
“Il-Qorti ,

“Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta:

“Illi l-attur xtara *water-heater* elettriku sabiex jiġi nstallat fil-kċina tad-dar tiegħu fin-numru 25, Triq ta' Ċenċ, Sannat, Għawdex mingħand is-soċjeta` konvenuta fix-xhur preċedenti għat-13 ta' Ottubru, 1996;

“Illi l-imsemmi *water heater* immedjatament wera sinjali illi ma kienx jaħdem kif suppost u l-persuna li waħħlitu kellha taqla' u tieħu t-*thermostat* tal-istess *water-heater* għand is-soċjeta` konvenuta sabiex jinbidel u fil-fatt, l-istess *thermostat* inbidel ma' wieħed ġdid li s-soċjeta` konvenuta kkunsinjat;

“Illi fit-13 ta' Ottubru, 1996, ġrat splużjoni fil-kċina tad-dar tal-attur illi kkawżat ħsarat kbar fl-istess kċina;

“Illi l-inkjesta, maġisterjali illi saret minħabba l-imsemmija splużjoni stabilixxiet illi dina l-isplużjoni seħħet bħala riżultat ta' splużjoni interna fl-imsemmi *water-heater* minħabba ħsara simultaneja fit-*thermostat* u fis-*safety-valve* ta' l-imsemmi *water-heater* li nxtara mis-soċjeta` konvenuta, liema ħsara simultaneja kkawżat ammont kbira ta' fwar surriskaldat (*super-heated steam*) li kkawża l-isplużjoni msemmija;

“Illi bħala riżultat ta' dina l-isplużjoni, l-attur sofra danni nġenti fid-dar tiegħu, liema danni ġew stmati mill-espert imqabbad minn dina l-Onorabbli Qorti fl-inkjesta msemmija fis-somma ta' elf tlett mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm1,325) bħala ħsara tal-*appliances* tal-kċina tal-attur u elfejn lira (Lm2000) bħala ħsarat strutturali fil-bini tal-attur u speċjalment, fil-madum, fl-aperturi, fil-kċina tal-injam u fl-istallazzjoni tad-dawl u tal-ilma fil-kċina tal-attur;

"Illi l-attur, illi huwa proprjetarju u jiġġestixxi kumpanija ta' konsulenza maniġerjali, tilef ħin konsiderevoli minħabba l-isplużjoni msemmija fil-kċina tiegħu, liema telf ta' ħin kellu konsegwenzi negattivi fuq in-negozju tiegħu u kkawżalu danni ulterjuri;

"Illi s-soċjeta` konvenuta, debitament interpellata, irrifjutat li tirrikonoxxi r-responsabilita` tagħha u tħallas id-danni relattivi lill-attur iżda minflok tefgħet it-tort fuq min stalla l-*water-heater*, ħaġa li manifestament mhix minnha.

"Talab lis-soċjeta` konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjarak unikament responsabbli għall-isplużjoni li ġrat fid-dar tal-attur fit-13 ta' Ottubru, 1996, liema splużjoni ġiet ikkawżat mill-*water-heater* imsemmi mixtri mill-attur mingħand is-soċjeta` konvenuta;

"2. Tillikwida d-danni dovuti lill-attur minħabba l-ħsarat fiżiċi u strutturali kkawżati fid-dar tiegħu mill-imsemmija splużjoni okkorrendo bil-ħatra ta' periti jew assessuri għal tali likwidazzjoni.

"3. Tordnalek tħallas id-danni hekk likwidati bl-imgħax legali mid-data tal-akkadut sad-data tal-ħlas effettiv.

"Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-atturi interpellatorji tal-20 ta' April 1998 u tal-5 ta' Mejju 1998 u tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Diċembru 1997.

"Bis-subizzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjeta` konvenuta li minn issa qed jiġu nġunti.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta li eċċepiet illi:

“1. Illi in linea preliminari l-isem tal-kumpanija konvenuta ġie ċċitat ħażin u għandu jkun Domenic Department Stores (DDS) Ltd. u mhux Domenic Department Stores Ltd;

“2. Illi fl-ewwel lok l-attur irid iġib il-prova dwar il-*water heater* in kwistjoni ġie mixtri mingħand is-soċjeta` konvenuta, ta' liema marka kien l-*water heater* in kwistjoni, meta ġie mixtri u minn min, u l-garanzija tal-manufattur li bih il-*water heater* kien kopert;

“3. Illi bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet l-azzjoni attriċi tinsab preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 ta' Kodiċi Ċivili Kap. 16;

“4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur;

“5. Illi s-soċjeta` konvenuta tiċħad bil-qawwa kollha kull reponsabbilita` għall-ħlas tad-danni li ġew allegatament sofferti mill-attur u li tagħhom qed jitlob riżarċiment mingħand il-konvenut;

“6. Illi l-isplużjoni fil-*water heater* kienet kawża ta' installazzjoni ħażina da parti ta' min ħa l-inkarigu li jwaħħal u jinstalla l-istess apparat u tbagħbis fl-istess *water heater* meta ma kienx ta' jdejh u mhux minħabba xi difett fl-istess *water heater.*

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

B’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, tal-10 ta’ Novembru 2006, gie deciz li t-talba ma tistax tirnexxi u l-Qorti laqghet r-raba’, hames u sitt eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta (illum appellata) u cahdet it-talbiet tal-attur (illum appellant) bl-ispejjez kontra l-istess attur. Wara li l-ewwel Qorti ddisponiet mill-eccezzjonijiet preliminari, qieset dwar il-mertu tal-kawza, u cioe` jekk l-ispluzzjoni sehhitx minhabba illi s-socjeta` appellata ssuppliet lill-appellant *water heater* difettuz, billi semmiet li skond ir-rapport (a

fol. 98 tal-process) tal-Perit tekniku Profs. Alfred J.Vella li kien gie nominat fl-inkjesta magisterjali relattiva ghal dan l-incident, il-kawzi ta' din l-ispluzjoni kienu prattikament tnejn u cioe`:

(i) difett fit-termostat li ma kienx qed jaqta' l-kurrent elettriku wara li tkun laħqet certa temperatura, kif suppost kellu jagħmel; u

(ii) difett fis-*safety valve* kkomunikat mal-*pipe* ta' l-ilma li kien jissuplixxi lill-istess *water heater*; dan kien iggamjat.

L-ewwel Qorti qablet mal-konkluzzjonijiet tal-espert tekniku u fil-konsiderazzjonijiet taghha qalet illi:

"Imma għalkemm dan it-termostat, kif gja` rajna, kien gie akkwistat mingħand is-socjeta` konvenuta in sostituzzjoni ta' dak originali li kien installat fil-*water heater* mixtri minn għandha, irriżulta illi ħadem sewwa għal aktar minn erba' xhur, mingħajr ebda problemi, tant illi kif ammetta Fortunato Schembri, li apparti li kien installa dan il-*water heater*, kien ukoll jagħmel il-manutenzjoni fil-fond ta' l-attur, dan kien jinżamm dejjem mixgħul. Għalhekk kwalunkwe ħsara fih ma tistax tigi attribwita għal xi difett fil-manifattura tiegħu, għax din kienet tirriżulta mill-ewwel, kif fil-fatt gara fil-każ ta' dak originali u mhux wara daqstant żmien. Il-ħsara fih għalhekk ma tista' tigi attribwita għal xejn ħlief għal użu kontinwu, u cioe` ghal "*normal wear and tear*." Fil-kaz taghna jidher illi dan gie accellerat bil-fatt illi l-*water heater* kien jinżamm dejjem mixgħul u fuq temperatura għolja. Infatti Giorgia Schembri, l-*house-keeper* ta' l-attur, stqarret ma' l-espert tekniku illi ftit jiem qabel l-isplużjoni, żewgha kien naqqaslu ftit mit-temperatura għax kien qed isaħħan iżżejjed. Madanakollu mill-eżami magħmul mill-istess espert, irriżulta illi, minkejja dan it-tnaqqis, t-termostat dakinhar ta' l-incident kien xorta waħda issettajt fuq temperatura pjuttost għolja ta' sittin grad.

"L-istess fir-rigward tas-*safety valve*. Dwar dan l-ewwelnett m'hemm l-ebda prova li kien gie mixtri wkoll mingħand is-socjeta` konvenuta. Anzi l-probabilita` hija illi

dan kien għadu l-istess wieħed illi kien hemm mal-*pipe* ikkumnikat mal-*water heater* il-qadim li kellu jinbidel għax kien ittaqqab. Dwar dan l-accessorju l-espert tekniku spjega fil-kontro-eżami tiegħu illi:

*“"is-safety valve li hemm, li suppost ikun designed biex pressjonijiet fl-intern ta' dik ic-cisterna jisfugahom hu. Issa kultant ifalli, anki ghaliex f'kuntatt ma' l-ilma, bil-gebla kif inhu tagħna, imma kwalunkwe ilma insomma, dan huwa, għandu partijiet jiccaqalqu, huma mekkanici jigifieri, mhux elettroniku jew xi ħaga li m'għandhiex dawn it-tip ta' problemi, u d-deposits fuqu, ikkawżati mill-ilma stess jistgħu kultant…jiggamjaw."*

“Dan kollu jindika illi l-istess bhal fil-każ tat-*termostat*, id-difett fis-*safety valve* ma kienx dovut għal xi manufattura ħażina, imma pjuttost għall-użu fuq tul ta' żmien, u għalhekk anke kieku dan il-*valve* kien gie akkwistat mingħand is-socjeta` konvenuta fl-okkażjoni tal-bejgħ tal-*water heater*, id-danni kkawżati ma jistgħux jigu attribwiti lilha”.

**<u>L-Appell</u>**

L-attur, Colin Arthur Best, appella minn din is-sentenza. L-appellant ighid li fin-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata imkien ma ressaq eccezzjoni fis-sens li dak li gara fil-*water heater* kien minhabba *“normal wear and tear”* kif iddecidiet l-ewwel Qorti. L-appellant isostni li ebda Qorti m’ghandha dritt taddotta xi linja difensiva li l-parti l-ohra tkun skartat u ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulha l-partijiet.

Aggravju iehor hu li l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti hija wahda azzardata u bla ebda bazi xjentifika. Kien il-malfunzjonament tat-*thermostat* ipprovvdut mis-socjeta` appellata li kkawza l-incident in kwistjoni u hu mmaterjali jekk is-*safety valve* kienx ukoll ikkonsenjat mis-socjeta` appellanti. Il-*water heater* sploda wara biss hames xhur li kien ilu jintuza u ghalhekk iz-zmien tant kien limitat li wiehed ma jistax jitkellem fuq “*normal wear and tear”.* Li wiehed jattribwixxi tali “*normal wear and tear”* ghall-uzu

kontinwu tal-*water heater* hu zbaljat ghax l-*water heater* mhux suppost ikollu problemi jekk jinhadem kontinwament. Il-funzjoni tat-*thermostat* hu appuntu li jitfi l-*water heater* meta tintlahaq it-temperatura mixtieqa. It-temperatura gholja li l-appellant kien jipprogramma ghal *water heater* kien fil-limitu konsentit mit-*thermostat.*

L-ahhar aggravju ta' l-appellant hu li s-sitt eccezzjoni ma messiex intlaqet billi ma ngabitx prova dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-persuna li stalla l-*water heater;* anzi l-ewwel Qorti ddecidiet fuq raguni ohra ghall-incident u mhux dik.

**<u>Risposta tas-socjeta` appellata</u>**

Is-socjeta` appellata wiegbet li dwar l-ewwel aggravju mhux minnu li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ma tinkwadrax ruhha fl-eccezzjonijiet taghha. Dina l-kwistjoni kienet giet diskussa fit-tul fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Hi tikkontendi li meta gew prezentati l-eccezzjonijiet hi ma setghetx tghid bi precizjoni x'kien il-kagun ta' dak li sehh, izda wara li gie prezentat ir-rapport ta' l-espert tekniku deher li dak li gara ma setax kien tort ta' xi difett fil-*water heater* izda kien tort ta' fatti estranji li hi ma kienitx responabbili ghalihom.

Dwar it-tieni aggravju l-appellat wiegbet li l-ewwel Qorti ma waslitx ghad-decizjoni taghha bl-immaginazzjoni taghha izda fuq opinjoni ta' espert tekniku. Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellant li *normal wear and tear* ma jsehhx wara ftit xhur ta' uzu biss, l-appellata wiegbet li f'dan il-kaz ma kienitx kwistjoni biss ta' *wear and tear* f'cirkostanzi normali izda kien *wear and tear* li gie accellerat bit-tip ta' uzu u tbghabis li sar fl-oggett. Hu materjali jekk is-*safety valve* kienx ikkonsenjat lill-appellant mis-socjeta` appellata billi skond l-espert tekniku dana ceda qabel ma mbaghad ceda t-*thermostat*.

Dwar l-ahhar aggravju l-appellata tissottometti li kien sar tbghabis fil-*water heater* li accellera l-*wear and tear* ta' l-istess. Hu veru li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni ta' l-

istallazzjoni hazina tal-*water heater* izda skond l-appellata l-istallazzjoni tal-*water heater* ma kienitx wahda tajba.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, bis-sentenza taghha fuq imsemmija cahdet it-talbiet attrici u laqghet r-raba', hames u sitt eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

L-ewwel eccezzjoni kienet giet irtirata (ara fol. 12) mentri fuq it-tieni eccezzjoni ma nghatat ebda decizjoni. F'dina l-eccezzjoni s-socjeta` konvenuta qalet li l-attur kellu jgib prova li l-*water heater* kien fil-fatt inxtara minghandha.

Jidher mill-appell u mir-risposta li ma ghadx hemm aktar kwistjoni dwar din il-materja u lanqas ma sar appell minnha. L-ewwel Qorti mxiet fuq il-premessa li l-*water heater* kien inxtara minghand is-socjeta` konvenuta.

It-tielet eccezzjoni tal-konvenut dwar preskrizzjoni giet michuda fis-sentenza appellata u minnha ma sar ebda appell.

Dwar is-sitt eccezzjoni, li hi t-tielet aggravju ta' l-appellant, dina l-Qorti taqbel ma' l-appellant li dina l-eccezzjoni ma kelliex tigi milqugha billi ma ngabitx prova li l-ispluzjoni kienet kawza ta' installazzjoni hazina; effettivament l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha fuq ragunijiet mhux konnessi mal-istallazzjoni *per se* tal-*water heater*.

Dwar l-ewwel aggravju ta' l-appellant, u cioe` li l-appellata fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha imkien ma ssemmi li l-ispluzjoni grat minhabba *"normal wear and tear"* fil-*water heater,* kif fil-fatt iddecidiet l-ewwel Qorti, dina l-Qorti hi tal-fehma li fl-apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti hi kkonsidrat il-fatti kollha li kellha quddiemha u wara li ezaminathom fid-dawl tal-konkluzzjonijiet teknici waslet ghall-konkluzzjoni li parti mit-tort kien ukoll minhabba *wear and tear* li gie <u>precipitat</u> minn fatturi ohra msemmija fl-istess sentenza. L-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti ma jezorbitatax mill-funzjoni taghha biex tasal ghar-responsablita` ta' l-incident.

Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi mwarrab.

Nigu ghat-tieni aggravju li hu l-mertu proprju tal-kawza u ta’ dana l-appell.

L-eccezzjonijiet ta’ l-appellata f’dan ir-rigward (eccezzjoni 4 u 5) kienu dawk generali cioe` t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, u li hi ma kienitx responsabbili għall-ħlas tad-danni li gew allegatament sofferti mill-appellant u li tagħhom qed jitlob riżarciment.

Fil-kaz in ezami kienet saret inkjesta magisterjali u kienu gew nominati esperti fosthom il-Profs A. Vella li kien hejja rapport u l-appellant prezenta kopja tieghu (ara fol. 105), u dan jifforma parti mill-atti ta’ dina l-kawza.

Huwa principju assodat fil-ligi taghna u fil-gurisprudenza li f’kawzi civili hu l-attur li jallega li jrid jipprova li l-hsara grat b’tort tal-konvenut u ghalhekk il-konvenut ma jrid jipprova xejn. Principju iehor hu li jrid jkun hemm ness ta’ kawzalita` bejn id-dannu kagunat u l-fatt kolpuz.

Kif gie deciz diversi drabi minn dina l-Qorti huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza li hija ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti.

Fil-kaz in ezami l-espert tekniku kkonkluda li x’aktarx it-*thermostat* li kien jikkontrolla t-temperatura ta’ l-ilma ma baqax jiffunzjona biex b’hekk il-*heater* baqa’ jsahhan minghajr interruzzjoni. Imbaghad kellu jidhol *in operation* is-*safety valve*, izda dana falla wkoll billi kien iggammjat u dawn iz-zewg difetti simulataneji kkawzaw l-ispluzjoni. Skond l-espert is-*safety valve* hu dizinjat biex pressjonijiet gholjin fl-intern ta’ cisterna tal-*water heater* jizfugahom hu (fol. 122). Hu jghid li jekk is-*safety valve* ma jkunx qed jahdem izda t-*thermostat* ikun jahdem, ma tinqalax problema. Imma jekk l-*valve* ma jkunx qed jahdem u mbaghad imur it-*thermostat* ukoll, allura l-konfluwenza taz-zewg problemi tikkawza l-ispluzjoni. F’dan il-kaz probabilment l-ewwel iggamja l-*valve* u aktar tard

immalfunzjona t-*thermostat* u saret l-ispluzjoni. Altrimenti l-espert jirritjeni li hu difficli tispjega kif saret l-ispluzjoni.

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, f'cirkostanzi normali, fejn ghandek *water heater* li suppost hu gdid, u li ilu biss ftit xhur jahdem, ma tistenniex li dana ser jisplodi, u l-appellant kien ikollu ragun. Izda f'dana l-kaz kien hemm fatturi ohra li tfaccaw wara li nxtara l-*water heater* li wasslu ghall-akkadut, u li kieku dawn ma avverawx ruhhom ma kien jinqala xejn jew kien ikun hemm rimedju ghalihom li jipprevjeni l-ispluzjoni.

Infatti jirrizulta mill-provi li meta nxtara dana l-*water heater* u twahhal, mal-ewwel instab li dan ma kienx jahdem, izda minflok ma l-appellant jew Fortunato Schembri li tqabbad minnu biex iwahhlu, informa lill-appellata bid-difett fil-*water heater*, Fortunato Schembri qabad u bidel it-*thermostat* li gab minghand l-appellata. Wara li tbiddel it-*thermostat* minn Schembri, l-appellata ma giet nfurmata b'xejn aktar b'dak li kien ghamel Schembri jew kif kien qed jahdem il-*water heater*. Schembri xehed li t-*thermostat* il-gdid li kien bidel baqa' jahdem tajjeb minghajr problemi sakemm saret l-ispluzjoni. Izda jirrizulta mill-provi akkwizti li dan ma kienx ghal kollox hekk, billi martu, Giorgia Schembri, li xehdet a tempo vergine fl-inkjesta kienet qalet lill-espert li l-*water heater* sa granet qabel l-incident kellu l-problemi billi kien qed isahhan hafna u meta hi nfurmat b'dan lil-zewgha (ghalkemm dan ighid li ma jiftakarx dan id-diskors) hu baxxa t-temperatura ghal 60 grad. L-ewwel Qorti osservat li l-*water heater* kien qed jintuza kontinwament bla ma jintefa fuq temperatura gholja hafna. Maghdud ma' dan, irrizulta mir-relazzjoni tal-espert tekniku li s-*safety valve* wkoll kien malfunzjonanti u kien iggamjat minhabba gebel fl-ilma. Gara li s-*steam* fil-*water heater* lahaq certa temperatura, u bl-elettriku ghadu ghaddej u t-*thermostat* u s-*safety valve* ma jiffunzjonawx, saret l-ispluzjoni.

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, ghall-incident in ezami jahtu kemm l-appellant kif ukoll is-socjeta` appellata. Din ta' l-ahhar billi forniet *thermostat* li rrizulta li kien difettuz, billi mhux mistenni li dan jimmalfunzjona wara ftit xhur. Min-

naha l-ohra l-appellant naqas ukoll, u l-Qorti jidhrilha li nuqqas tieghu huwa akbar, billi l-appellant indahal biex isewwi l-*water heater* hu permezz tal-*plumber* imqabbad minnu minghajr l-intervent dirett ta' l-appellata, kif ukoll ghax meta wahhal il-*water heater* is-*saftey valve* li kien hemm ma kienx jiffunzjona sew. Ghal dan ta' l-ahhar, l-appellata ma kellha ebda htija. Ghalhekk ir-responsabbilita` ghal dak li gara ghandha tigi ripartita bejn iz-zewg partijiet, kwantu ghal terz ghas-socjeta` appellata u zewg terzi ghall-appellant.

Id-danni kawzati f'dina l-ispluzzjoni gew likwidati u stmati mill-espert nominat il-Perit Guido Vella hekk: l-ammont ta' l-oggetti meqruda jew imkissra Lm1325 u l-hsara li garrab il-bini, il-madum, l-aperturi, il-*fitted kitchen*, il-*finishes*, u l-istallazzjonijiet tad-dawl u ta' l-ilma Lm2000 (ara fol. 66 *et seq*). B'kollox Lm3325 jew €7745.17. Dawn l-ammonti ma gewx kontestati.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, prevja li tichad ir-raba', hames u sitt eccezzjonijiet, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-parti fejn cahdet it-talbiet attrici u minflok issib illi l-partijiet it-tnejn kienu responsabbli ghall-incident in kwistjoni b'dan li l-appellata ghandha tbati terz mit-tort mentri l-appellant zewg terzi; tillikwida d-danni kawzati fl-ammont ta' sebat elef seba' mija u hamsa u erbghin Euro u sbatax-il centezmu (€7745.17) u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` appellata thallas lill-attur appellant terz minn din is-somma, u cioe` elfejn, hames mija u wiehed u tmenin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€2581.72). L-ispejjez kemm tal-prim istanza kif ukoll ta' dan l-appell jithallsu kwantu ghal terz mis-socjeta` konvenuta appellata u zewg terzi mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------